IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.12.2011
KUMM(2011) 864 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## L-eliminazzjoni tal-ostakoli transkonfinali marbuta mat-taxxa fuq il-wirt fl-UE

# 1. INTRODUZZJONI

Fl-"Istrateġija Ewropa 2020" għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-UE[1], il-Kummissjoni Ewropea tisħaq li wieħed mill-elementi biex l-ekonomija tal-UE titpoġġa fuq it-triq it-tajba huwa li ċ-ċittadini tal-UE jingħataw is-setgħa li jkollhom rwol sħiħ fis-suq uniku u l-fiduċja biex jieħdu dan ir-rwol.

Fi ħdan l-UE, iċ-ċittadini kollha jistgħu jaqsmu l-fruntieri biex jgħixu, jistudjaw, jirtiraw u jixtru proprjetà u jinvestu fi Stati Membri oħra tal-UE. Madankollu, l-Att dwar is-Suq Uniku[2] u r-"Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni"[3] identifikaw bosta ostakoli legali u prattiċi li jwaqqfu lin-nies milli fil-fatt jeżerċitaw transkonfinalment dawn id-drittijiet fl-UE, kif ukoll azzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu f'sensiela sħiħa ta' oqsma sabiex id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE jkunu effettivi għal kollox. It-tassazzjoni hija waħda minn dawn l-oqsma. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar "It-tneħħija ta' ostakoli fiskali transkonfinali għaċ-ċittadini tal-UE"[4] eżaminat l-aktar problemi serji tat-taxxa li ċ-ċittadini jaffaċċjaw meta jkunu attivi transkonfinalment fi ħdan l-UE u indikat soluzzjonijiet għal dawn il-problemi.

Il-wirt li wieħed jirċievi transkonfinalment huwa wieħed mill-oqsma ta' problemi identifikati fil-Komunikazzjoni tal-20 ta' Diċembru 2010. Il-problemi jikkonsisti prinċipalment minn tassazzjoni doppja u trattament tat-taxxa diskriminatorju. Il-ħarsa qasira lejn dak li jħasseb liċ-ċittadini u n-negozji fis-Suq Intern, li ġiet ippubblikata f'Awwissu ta' din is-sena, ikkonfermat li t-taxxi fuq il-wirt jinsabu fost l-20 problemi ewlenin affaċċjati miċ-ċittadini u min-negozji meta jkunu attivi transkonfinalment[5].

Il-Komunikazzjoni dwar "It-tassazzjoni doppja fis-Suq Uniku"[6] rrikonoxxiet li strumenti eżistenti u ppjanati għal eżenzjoni mit-tassazzjoni doppja fuq id-dħul u l-kapital ma jistgħux jindirizzaw b'mod effiċjenti kwistjonijiet ta' taxxa fuq il-wirt transkonfinali u li jkunu meħtieġa soluzzjonijiet separati f'dak il-qasam tat-taxxa.

Għalhekk, din il-Komunikazzjoni, li qed tiġi adottata flimkien ma' Rakkomandazzjoni[7] u li se tkun akkumpanjata minn Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal[8], tiddeskrivi soluzzjonijiet għal dawn il-problemi ta' taxxa fuq il-wirt transkonfinali.

L-approċċ fil-pakkett li ġie adottat illum jirrifletti l-opinjoni tal-Kummissjoni li xi problemi ta' taxxa transkonfinali jistgħu jiġu riżolti b'mod effettiv permezz tal-kordinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali (kif ukoll permezz ta' koperazzjoni fil-qasam tal-infurzar). Xi snin ilu[9] l-Kummissjoni enfasizzat li f'bosta każijiet jista' jkun biżżejjed għall-Istati Membri li

---

1 COM(2010) 2020.
2 COM(2011) 206.
3 COM(2010) 603.
4 COM(2010) 769 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SEC(2010) 1576.
5 Is-Suq Uniku kif jarawh in-nies: ħarsa qasira lejn l-opinjonijiet u t-tħassib taċ-ċittadini u n-negozji - Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SEC(2011) 1003.
6 COM(2011) 712.
7 C(2011) 8819.
8 SEC(2011) 1488, SEC(2011) 1489 u SEC(2011) 1490.
9 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Il-kordinazzjoni tas-sistemi fiskali diretti tal-Istati Membri fis-Suq Intern", COM(2006) 823 tad-19 ta' Diċembru 2006

jirrispettaw ir-regoli stabbiliti fit-Trattati u jimplimentaw unilateralment soluzzjonijiet definiti sewwa, sabiex jiġu eliminati d-diskriminazzjoni u t-tassazzjoni doppja u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità għan-negozji u ċ-ċittadini, assoċjati mal-fatt li jkunu involuti ma' aktar minn sistema tat-taxxa waħda. Kordinazzjoni ta' dan it-tip issaħħaħ ukoll il-ħila tal-Istati Membri biex jipproteġu d-dħul tagħhom mit-taxxi u biex jevitaw tilwim dwar dispożizzjonijiet individwali.

Din l-inizjattiva hija wkoll imfassla biex tikkomplementa l-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament "dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjoni u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni", li ġiet adottata f'Ottubru tal-2009[10]. Ir-Regolament propost jipprovdi mekkaniżmu biex tiġi stabbilita l-liġi ta' suċċessjoni ta' liema Stat Membru tkun tapplika fil-każ ta' wirt transkonfinali li bi kwalunkwe mod ieħor jista' jkun suġġett għal bosta settijiet ta' regoli nazzjonali, possibilment konfliġġenti. L-abbozz ta' Regolament ma jittrattax il-kwistjonijiet ta' tassazzjoni li jirriżultaw fil-każ ta' wirt transkonfinali.

## 2. IR-REGOLI ATTWALI DWAR IT-TASSAZZJONI FUQ IL-WIRT

M'hemm l-ebda liġi fil-qasam tat-tassazzjoni fuq il-wirt[11] li tkopri l-UE kollha u għalhekk l-Istati Membri huma liberi li jfasslu kif jixtiequ r-regoli tagħhom f'dak il-qasam sakemm ma jiddiskriminawx fuq il-bażi tan-nazzjonalità u sakemm ma japplikawx restrizzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-eżerċizzju tal-libertajiet garantiti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Bħalissa, ir-regoli tal-Istati Membri dwar it-tassazzjoni tal-wirt ivarjaw ħafna. Tmintax minnhom jimponu taxxi speċifiċi mal-mewt filwaqt li disgħa minnhom (l-Awstrija, Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, ir-Romanija, is-Slovakkja u l-Isvezja) ma jagħmlux dan imma wħud minnhom jintaxxaw il-wirt taħt intestaturi oħra bħat-taxxa fuq id-dħul. Hemm differenzi bejn l-Istati Membri li japplikaw taxxi fuq il-wirt rigward jekk jintaxxawx il-proprjetà li tintiret jew l-eredi, jiġifieri jekk jintaxxawx fuq il-bażi ta' rabta personali tal-eredi jew tal-mejjet, jew tat-tnejn, ma' dawk l-Istati Membri. Huma jistgħu jittrattaw bħala rabta personali r-residenza, id-domiċilju jew in-nazzjonalità tal-mejjet jew tal-eredi[12] u wħud mill-Istati Membri jużaw aktar minn wieħed minn dawn il-fatturi. It-tifsira ta' dawn it-termini tista' wkoll tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Barra minn dan, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri japplikaw taxxa fuq il-wirt għal assi li jkunu jinsabu fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom anki jekk la l-mejjet u lanqas l-eredi ma jkollhom rabta personali mal-ġuriżdizzjoni kkonċernata. Filwaqt li r-rati effettivi tat-taxxa fuq il-wirt jistgħu jkunu baxxi fil-każ ta' wirt li jitħalla lil eredi li jkunu jiġi mill-qrib mill-mejjet, ir-rati jistgħu jilħqu s-60-80% f'xi Stati Membri f'każijiet meta l-mejjet u l-benefiċjarju ma jkunux jiġu minn xulxin. Uħud mid-disa' Stati Membri li ma

10 COM(2009) 154.

11 It-taxxa fuq il-wirt tfisser it-taxxi imposti mal-mewt ta' individwu, irrispettivament minn isem it-taxxa, mill-mod kif tiġi imposta, minn jekk ġietx applikata f'livell nazzjonali, regjonali jew lokali u jekk kinitx imposta fuq il-proprjetà li ntirtet jew fuq l-eredi. Tinkludi wkoll taxxi fuq donazzjonijiet meta dawn isiru b'antiċipazzjoni ta' wirt futur u meta dawn ikunu ntaxxati taħt l-istess dispożizzjonijiet jew taħt dispożizzjonijiet simili bħalma hu l-wirt. Ara l-Anness I għal lista mhux eżawrjenti tat-taxxi relevanti fl-Istati Membri.

12 Individwu jista' jkun "domiċiljat" (jiġifieri kkunsidrat bħala residenti permanenti minħabba rabtiet qawwija) f'pajjiż u fl-istess ħin jista' jkun "abitwalment residenti" f'pajjiż ieħor u saħansitra jkollu n-nazzjonalità ta' pajjiż ieħor.

japplikawx taxxi fuq il-wirt neħħewhom fi snin reċenti. Dan jista' jkun minħabba ċerti żvantaġġi ta' dawn it-taxxi. Wieħed minnhom hu li min ikun sinjur ta' spiss jevitahom permezz ta' ppjanar fiskali u għalhekk il-piż jaqa' fuq min hu inqas sinjur. Żvantaġġ ieħor hu li hemm perċezzjoni mill-pubbliku li t-tassazzjoni minħabba l-mewt mhijiex ġusta għaliex hija tassazzjoni ta' ġid li diġà ġie intaxxat. Madankollu, din l-inizjattiva ma tixħet l-ebda dubju fuq l-eżistenza tat-taxxi fuq il-wirt iżda tiffoka fuq id-diffikultajiet li ċ-ċittadini tal-UE jistgħu jaffaċċjaw meta jirtu transkonfinalment.

## 3. IL-PROBLEMI U D-DAQS TAGĦHOM

Saru studji li juri li għadd li dejjem qed jiżdied ta' ċittadini tal-UE qed jiċċaqilqu minn pajjż għal ieħor fi ħdan l-Unjoni Ewropea tul ħajjithom biex jgħixu hemm, jistudjaw, jaħdmu u jirtiraw; in-numru ta' ċittadini tal-UE-27 li jirrisjedu fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat ta' oriġini tagħhom laħaq bejn wieħed u ieħor it-12.3 miljun fl-2010, żieda ta' 3 miljuni meta mqabbla mal-2005[13]. Hemm studji li juru wkoll li l-proprjetà transkonfinali ta’ proprjetà immobbli fl-UE żdiedet b'sa 50% bejn l-2002[14] u l-2010 u li hemm ukoll tendenza b'saħħitha ta' żieda f'investimenti transkonfinali f'portafolji[15].

Fid-dawl ta' din l-istatistika, x'aktarx li fil-futur jista' jkun hemm aktar assi li jintirtu transkonfinalment u għalhekk ikun hemm aktar kwistjonijiet ta' taxxa fuq il-wirt. Bħalissa, l-istima konservattiva tal-għadd ta' każijiet potenzjali ta' wirt transkonfinali hija bejn 290 000 u 360 000 kull sena[16]. Organizzazzjonijiet ta' impriżi żgħar u medji ta' spiss jiġbdu l-attenzjoni għall-effetti partikolarment dannużi tat-taxxi fuq il-wirt fuq in-negozji ż-żgħar, u jgħidu li l-applikazzjoni tat-tassazzjoni doppja taggrava iktar il-problemi[17]. Diġà hemm xi evidenza ta' żieda fil-problemi ta' taxxa fuq il-wirt transkonfinali matul l-aħħar snin. Matul l-aħħar għaxar snin il-Kummissjoni rċeviet ħafna aktar ilmenti u domandi minn ċittadini tal-UE dwar dan il-qasam, milli qatt irċeviet qabel. Barra minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti), li qatt ma ttrattat kawża dwar it-taxxa fuq il-wirt qabel l-2003, minn dik iż-żmien kellha tieħu deċiżjonijiet f'għaxar kawżi bħal dawn. F'sitwazzjonijiet transkonfinali jista' jkun hemm id-diffikultajiet li ġejjin:

(1) L-Istati Membri jistgħu jiddiskriminaw bejn wirt transkonfinali u wirt li ma jkunx fih element transkonfinali. Fi kliem ieħor, huma jistgħu japplikaw rata ta' taxxa fuq il-

---

[13] Dejta tal-Eurostat u l-Copenhagen Economics Study on Inheritance Taxes in EU Member States and Possible Mechanisms to Resolve problems of Double Inheritance Taxation in the EU (Studju tal-Copenhagen Economics dwar it-Taxxi fuq il-Wirt fl-Istati Membri tal-UE u l-Mekkaniżmi Possibbli biex jiġu riżolti l-problemi ta' tassazzjoni doppja fuq il-wirt fl-UE), Awwissu 2010.

[14] Ara l-Istudju tal-Copenhagen Economics għal dettalji dwar dawn l-istudji l-oħrajn – paġni 63 - 64.

[15] Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt dwar soluzzjonijiet għal problemi ta' taxxa fuq wirt transkonfinali – SEC(2011) 1489.

[16] Valutazzjoni tal-Impatt dwar soluzzjonijiet għal problemi ta' taxxa fuq wirt transkonfinali – SEC(2011) 1489. Għandu jiġi nnutat li l-metodoloġija użata x'aktarx tissottovaluta ċ-ċifri attwali minħabba li l-figuri indikati jistgħu biss iqisu każijiet transkonfinali ta' proprjetà fi proprjetà immobbli u mhux ta' assi oħra bħal flus imfaddla f'bank.

[17] Ara *European Family Businesses – GEEF contribution to the Commission's Consultation on possible approaches to tackling cross-border inheritance tax obstacles within the EU* (Negozji tal-Familja Ewropej – il-kontribut tal-GEEF għall-Konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar metodi possibbli kif jiġu indirizzati ostakoli transkonfinali ta' taxxa fuq il-wirt fi ħdan l-UE) - http://www.efb-geef.eu/documents/EFB-EEF%20contribution%20to%20EU%20consultation%20on%20inheritance%20tax.pdf

wirt meta l-assi, il-mejtin u/jew l-eredi huma/kienu bbażati f'pajjiżi oħra ogħla minn dik li japplikaw f'sitwazzjonijiet purament domestiċi (jiġifieri, fil-każ ta' wirt ta' assi li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jintaxxa, li jitħallew minn mejtin li kienu residenti fil-pajjiż lil eredi li jkunu residenti hemm).

(2) Meta żewġ pajjiżi jew aktar minn żewġ pajjiżi jkollhom id-dritt li jintaxxaw l-istess wirt, jistgħu jirriżultaw sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni doppja jew multipla li ma tkunx suġġetta għal eżenzjoni u, b'kuntrast mal-każ tat-tassazzjoni fuq id-dħul u fuq il-kapital, ftit hemm arranġamenti nazzjonali jew internazzjonali fis-seħħ li jippermettu eżenzjoni b'mod effettiv minn tassazzjoni doppja/multipla bħal din.

Id-diskriminazzjoni hija pprojbita skont il-prinċipji tat-Trattat tal-UE u l-Qorti diġà sabet li xi aspetti mil-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxa fuq il-wirt huma diskriminatorji fi tmienja mill-għaxar każijiet eżaminati mill-2003. Madankollu, jista' jkun hemm bosta każijiet ta' diskiminazzjoni li ma waslux għand il-Qorti, b'mod partikolari minħabba l-ispejjeż għoljin li l-kawżi l-qorti jinvolvu għall-kontribwenti tat-taxxa. Madankollu, il-Qorti sabet li tassazzjoni doppja li tirriżulta mill-eżerċizzju parallel tad-drittijiet ta' tassazzjoni ta' żewġ pajjiżi Membri jew aktar ma tiksirx id-dispożizzjonijiet tat-Trattat[18].

F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawk li jirċievu wirt transkonfinali jistgħu potenzjalment jaffaċjaw problemi li jwasslu għal rati estremament għoljin ta' taxxa fuq il-wirt. Il-kont totali tat-taxxa dovuta fil-każ ta' ċertu wirt irċevut transkonfinalment jista' tant ikun għoli li l-eredi jkollu jissellef jew ikollu jbiegħ il-proprjetà li jkun wiret biex iħallas il-kontijiet tat-taxxa. F'dan ir-rigward, jista' jiġi osservat li l-akkumulazzjoni tat-taxxi imposti minn aktar minn Stat wieħed jista' jwassal għal riżultati li, minn tal-anqas f'xi Stati Membri u li kieku jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Istati biss, jitqiesu bħala tassazzjoni eċċessivament għolja u għalhekk kontra l-liġi. L-eżempju li ġej ta' tassazzjoni doppja ta' wirt transkonfinali huwa bbażat fuq każ rapportat permezz tas-servizz Pariri tal-Ewropa Tiegħek tal-Kummissjoni[19]:

**Eżempju**: Ċittadin tal-Pajjiżi l-Baxxi li minħabba l-karriera tiegħu jkun jgħix fi Franza wiret proprjetà fi Franza mis-sieħeb mejjet tiegħu li kien ukoll ċittadini tal-Pajjiżi l-Baxxi u li kien għex fi Franza fis-6 snin preċedenti. Ir-relazzjoni tagħhom ma kinetx ġiet formalizzata. Iċ-ċittadin tal-Pajjiżi l-Baxxi kellu jħallas it-taxxa fuq il-wirt Franċiża minħabba r-residenza tiegħu fi Franza u minħabba li l-proprjetà involuta kienet tinsab fi Franza. Madankollu, huwa kellu wkoll iħallas it-taxxa fuq il-wirt fil-Pajjiżi l-Baxxi minħabba li s-sieħeb tiegħu kien meqjus li kien residenti f'dak l-Istat. Għall-finijiet tat-taxxa fuq il-wirt, persuni bin-nazzjonalità tal-Pajjiżi l-Baxxi jitqiesu li jkunu rrisjedu fit-territorju nazzjonali għal 10 snin wara d-data li fiha jitilqu mill-Pajjiżi l-Baxxi biex imorru jgħixu barra. It-taxxa applikata minn Franza kienet tammonta għal kważi 60% tal-assi netti. It-taxxa applikata mill-Pajjiżi l-Baxxi kienet tammonta għal 12.5% addizzjonali. Skont il-leġiżlazzjoni applikata mill-Pajjiżi l-Baxxi, it-taxxi l-barranin jitnaqqsu bħala responsabbiltà tal-wirt irċevut u, għaldaqstant, it-taxxa applikata minn Franza wasslet għal tnaqqis tal-bażi taxxabbli fil-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu, it-tassazzjoni doppja ma ġietx eliminata għal kollox u l-ammont totali tat-taxxa dovuta fuq il-proprjetà kkonċernata kien ogħla milli kieku l-wirt kien limitat għal kwalunkwe wieħed miż-żewġ Stati Membri kkonċernati.

---

18 Il-kawża Block (C-67/08)

19 Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt dwar soluzzjonijiet għal problemi ta' taxxa fuq wirt transkonfinali, paġni 21-22, għal eżempji oħrajn mill-ħajja ta' kuljum.

Filwaqt li, fil-livell individwali, iċ-ċittadini jistgħu jkunu affettwati ħafna mit-tassazzjoni doppja, id-dħul minn taxxi domestiċi u transkonfinali fuq il-wirt jammonta għal sehem żgħir ħafna - anqas minn 0.5% - mid-dħul totali mit-taxxa fl-Istati Membri tal-UE. Il-każijiet transkonfinali waħidhom bilfors jammontaw għal ħafna inqas minn dik iċ-ċifra.

Id-dħul mit-taxxa fuq il-wirt bħala sehem mid-dħul totali mit-taxxa, UE-15, 1995-2007 u 8 Stati Membri ġodda, 2004-2007




**Nota:** It-tmien Stati Membri l-ġodda fil-kampjun huma: Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Litwanja, Malta, is-Slovakkja u s-Slovenja. Ma kienx hemm dejta disponibbli għall-erba' Stati Membri l-ġodda l-oħrajn.

**Sors:** Studju tal-Copenhagen Economics ibbażat fuq il-lista tat-taxxi nazzjonali: http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/gen_info/economic_analysis/tax_structures/article_5985_en.htm.

# 4. SOLUZZJONIJIET ISSUĠĠERITI

Il-Kummissjoni temmen li l-problemi tat-taxxa fuq il-wirt transkonfinali jistgħu jiġu riżolti mingħajr ma jkun hemm armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri tat-taxxa fuq il-wirt, li b'hekk jibqgħu kwistjoni ta' għażla politika għal kull Stat Membru. Jista' jkun biżżejjed li jiġi sempliċement żgurat li r-regoli tal-Istati Membri jaħdmu flimkien b'mod aktar koerenti sabiex jitnaqqas il-potenzjal għat-tassazzjoni doppja jew saħansitra multipla tal-wirt. Barra minn dan, bis-saħħa tal-libertajiet fundamentali li jinsabu fit-Trattati, l-Istati Membri jridu f'kull każ jevitaw li jimponu tassazzjoni fuq il-wirt li tiddiskrimina kontra sitwazzjonijiet transkonfinali. B'għarfien aħjar tar-regoli applikabbli mill-persuni interessati kollha jista' jkun hemm aktar konformità ma' dawn il-libertajiet.

*Rigward it-tassazzjoni doppja*, ir-Rakkomandazzjoni assoċjata tal-Kummissjoni tissuġġerixxi kif l-Istati Membri jistgħu jikkoperaw biex jipprovdu eżenzjoni komprensiva minn tassazzjoni doppja fil-każ ta' wirt transkonfinali fl-UE kollha. Peress li l-Istati Membri ftit għandhom

trattati bilaterali biex jeliminaw it-tassazzjoni doppja fuq il-wirt[20] u jidhru li ma ħadux l-inizjattiva biex jinnegozjaw aktar minn dawn it-trattati, ir-Rakkomandazzjoni minflok tiffoka fuq titjib tal-miżuri nazzjonali eżistenti tal-Istati Membri biex ikun hemm eżenzjoni mit-tassazzjoni doppja tal-wirt. Fuq terminu ta' żmien qasir, bla ħsara għall-konklużjoni fil-futur ta' arranġamenti bilaterali jew multilaterali dwar it-tassazzjoni doppja, il-Kummissjoni tixtieq tinkoraġġixxi applikazzjoni usa' u aktar flessibbli ta' dawn is-soluzzjonijiet nazzjonali eżistenti għat-tassazzjoni doppja.

Ir-Rakkomonadazzjoni tistabbilixxi soluzzjonijiet għal każijiet li fihom bosta Stati Membri jkollhom drittijiet ta' tassazzjoni minħabba l-post fejn ikunu jinsabu l-assi inklużi fil-wirt u minħabba r-rabtiet personali tal-mejjet u/jew l-eredi ma' dawk l-Istati. Barra minn dan, ir-Rakkomandazzjoni tindirizza l-każ ta' rabtiet personali multipli, minħabba s-sitwazzjonijiet diverġenti tal-mejjet u tal-eredi, jew minħabba l-fatt li persuna waħda jkollha rabtiet personali ma' aktar minn Stat Membru wieħed, (eż. tkun residenti fi Stat u domiċiljata f'ieħor).

L-Istati Membri huma mistiedna biex jintroduċu s-soluzzjonijiet suġġeriti fil-leġiżlazzjoni jew permezz ta' miżuri amministrattivi li jistgħu jfissru l-adozzjoni ta' interpretazzjoni aktar flessibbli ta' dispożizzjonijiet eżistenti. L-għan aħħari ta' miżuri bħal dawn huwa li jiġi żgurat li l-piż globali tat-taxxa fuq wirt transkonfinali ma jkunx akbar milli f'sitwazzjoni interna f'wieħed mill-Istati Membri involuti. Filwaqt li ftit hemm possibbiltà li dawn is-soluzzjonijiet ikollhom impatti baġitarji kbar fuq id-dħul tal-Istati Membri, minħabba s-sehem żgħir li t-taxxi fuq il-wirt jirrappreżentaw mid-dħul totali tal-Istati Membri, l-effetti pożittivi fuq l-individwi kkonċernati jkunu konsiderevoli.

*Rigward id-diskriminazzjoni tat-taxxa*, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal assoċjat[21] jiddeskrivi l-prinċipji tal-każistika tal-UE għal tassazzjoni fuq il-wirt mhux diskriminatorja u għandu l-għan li jispjega u jiddeskrivi t-tħaddim tal-libertajiet fundamentali. Iċ-ċittadini tal-UE għalhekk ikunu aktar konxji mir-regoli li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw meta jintaxxaw wirt transkonfinali. Dan jista' wkoll jgħin lill-Istati Membri biex jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet tagħhom dwar it-taxxa fuq il-wirt mal-liġi tal-UE[22] u għalhekk jagħti appoġġ u jikkomplementa l-azzjonijiet minħabba ksur li ħadet il-Kummissjoni u li għadhom għaddejjin kontra dispożizzjonijiet diskriminatorji ta' taxxa fuq il-wirt. F'dawn iċ-ċirkustanzi jkun hemm anqas possibbiltà li ċ-ċittadini tal-UE jaffaċċjaw tassazzjoni diskriminatorja fil-futur.

Is-soluzzjonijiet proposti jkunu wkoll applikabbli u ta' benefiċċju għal dawk li jirtu Impriżi Żgħar u Medji fi Stati Membri oħrajn.

Filwaqt li f'dan il-mument il-Kummissjoni mhijiex qed tipproponi xi miżura leġiżlattiva dwar it-tassazzjoni doppja, dan tista' tagħmlu fi stadju ulterjuri jekk jirriżulta neċessarju. Il-Kummissjoni għaldaqstant se tissorvelja bir-reqqa r-regoli u l-prattiki tal-Istati Membri fit-tassazzjoni tal-wirt biex tivvaluta jekk isirux bidliet b'riżultat tas-soluzzjonijiet proposti llum,

---

[20] L-Anness II ta' din il-Komunikazzjoni jagħti ħarsa qasira lejn it-trattati eżistenti dwar it-tassazzjoni doppja fuq il-wirt..

[21] SEC(2011) 1488.

[22] Innota li fil-każ li wirt ikopri assi tan-negozju u jingħata vantaġġ selettiv fil-forma ta' trattament differenzjat ta' taxxa fuq il-wirt, miżura bħal din għandha wkoll tkun tikkonforma mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-UE, liema regoli mhumiex trattati fid-dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

liema huma dawn il-bidliet, u jekk dawn il-bidliet jindirizzawx il-problemi deskritti b'mod effettiv.

## 5. KONKLUŻJONI U SEGWITU

Ir-regoli dwar it-taxxa fuq il-wirt ma kinux imfassla biex jaffaċċjaw ir-realtà ta' ċittadini li issa jbiddlu l-pajjiżi ta' residenza tagħhom b'mod aktar frekwenti u li jixtru u jinvestu barra minn pajjiżhom. Iridu jinstabu soluzzjonijiet xierqa biex jiġu indirizzati problemi ta' taxxa fuq il-wirt transkonfinali li x'aktarx se jiżdiedu fil-futur jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni. Huwa għal din ir-raġuni li l-Kummissjoni:

- adottat Rakkomandazzjoni għal sistema komprensiva ta' eżenzjoni minn tassazzjoni doppja għal wirt transkonfinali fi ħdan l-UE u se tniedi diskussjonijiet mal-Istati Membri biex tiżgura li jkun hemm segwitu xieraq għal din ir-Rakkomandazzjoni;

- hija lesta li tgħin lill-Istati Membri biex jarmonizzaw il-liġijiet tagħhom tat-taxxa fuq il-wirt mat-Trattat tal-UE imma, fir-rwol tagħha ta' garanti tat-Trattati, se tieħu wkoll dawk il-passi li tqis neċessarji biex tieħu azzjoni kontra karatteristiċi diskriminatorji tar-regoli tal-Istati Membri dwar it-tassazzjoni tal-wirt;

- se tħejji rapport ta' valutazzjoni fi żmien tliet snin ibbażat fuq il-monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati Membri u ta' kull bidla li ssir b'riżultat tal-inizjattivi ppreżentati llum;

- tista', jekk ir-rapport juri li l-problemi tat-taxxa fuq il-wirt transkonfinali jippersistu, u suġġett għar-riżultat ta' Valutazzjoni tal-Impatt, tagħmel proposta xierqa biex dawn l-ostakoli jiġu eliminati.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-parlamenti nazzjonali u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jeżaminaw din il-Komunikazzjoni u dokumenti relatati u biex jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom lil din l-inizjattiva.

# ANNESS I. LISTA TA' TAXXI APPLIKATI GĦALL-WIRT FL-ISTATI MEMBRI

| **Pajjiż** | **Taxxi/imposti oħrajn** | |
|---|---|---|
| Il-Belġju | Droits de succession et de mutation par décès / Rechten van successie en van overgang bij overlijden, (Taxxa fuq il-wirt u taxxa fuq trasferimenti *causa mortis*) | |
| Il-Bulgarija | Данък върху наследствата (Taxxa fuq il-wirt) | |
| Ir-Repubblika Ċeka | Daň dědická (Taxxa fuq il-wirt) | |
| Id-Danimarka | Afgift af dødsboer og gaver (Taxxa fuq il-proprjetà tal-mejtin u taxxa fuq id-donazzjonijiet) | |
| Il-Ġermanja | Erbschaftsteuer (Taxxa fuq il-wirt) | |
| L-Estonja | L-ebda taxxa fuq il-wirt | Diversi imposti, inkluża taxxa fuq id-dħul u fuq il-qligħ kapitali f'ċerti każijiet |
| L-Irlanda | Taxxa fuq il-wirt u fuq id-donazzjonijiet | |
| Il-Greċja | Φόρος κληρονομιάς, δωρεών και γονικών παροχών (Taxxa fuq il-wirt, fuq id-donazzjonijiet u għotjiet mill-ġenituri) | |
| Spanja | Impuesto sobre sucesiones y donaciones (Taxxa fuq il-wirt u fuq id-donazzjonijiet) | |
| Franza | Droits de mutation entre vifs (donations) et par décès (successions), (Taxxa fuq il-wirt – taxxa fuq it-trasferimenti *inter vivos*) | |
| L-Italja | Imposta sulle successioni e donazioni (Taxxa fuq il-wirt u fuq id-donazzjonijiet) | |
| Ċipru | L-ebda taxxa fuq il-wirt | Αποθανόντων Προσώπων – (Taxxa fuq it-trasferimenti ta' artijiet) |
| Il-Latvja | L-ebda taxxa fuq il-wirt | |
| Il-Litwanja | Paveldimo turto mokesčio (Taxxa fuq il-wirt) | |
| Il-Lussemburgu | Droits de succession (Taxxa fuq il-wirt) | |
| L-Ungerija | Öröklési illeték (Taxxa fuq il-wirt) | |
| Malta | L-ebda taxxa fuq il-wirt | Taxxa fuq it-trasferimenti f'ċerti każijiet |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | Schenk- en erfbelasting (Taxxa fuq il-wirt u fuq id-donazzjonijiet) | |
| L-Awstrija | L-ebda taxxa fuq il-wirt | Stiftungseingangssteuer, Grundwerbsteuer (Taxxa fuq it-trasferimenti ta' artijiet u kontribuzzjonijiet għal fondazzjonijiet privati) |
| Il-Polonja | Podatek od spadków i darowizn (Taxxa fuq il-wirt u fuq id-donazzjonijiet) | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Portugall | L-ebda taxxa fuq il-wirt | Imposto do selo (Taxxa tal-boll) |
| Ir-Rumanija | L-ebda taxxa fuq il-wirt | |
| Is-Slovenja | Davek na dediščine in darila (Taxxa fuq il-wirt u fuq id-donazzjonijiet) | |
| Is-Slovakkja | L-ebda taxxa fuq il-wirt | |
| Il-Finlandja | Perintövero/Arvsskatt (Taxxa fuq il-wirt) | |
| L-Isvezja | L-ebda taxxa fuq il-wirt | Diversi imposti, inkluża taxxa fuq id-dħul u fuq il-qligħ kapitali f'ċerti każijiet |
| Ir-Renju Unit | Inheritance tax (Taxxa fuq il-wirt) | |

**Sors:** Bażi tad-Dejta dwar it-Taxxi fl-Ewropa (2011) u IBDF (2011).

## ANNESS II. KONVENZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI DWAR IT-TAXXA DOPPJA FUQ IL-WIRT

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BE | | | | | | | | | | √ | | | | | | | | | | | | | | | | √ | |
| BG | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| CZ | | | | | | | | | | | | | | | | | | | √* | | | | | | | | |
| DK | | | | | √ | | | | | | √ | | | | | | | | | | | | | | √ | √ | |
| DE | | | | √ | | | | √ | | √* | | | | | | | | | | | | | | | | √ | |
| EE | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| IE | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | √ |
| EL | | | | | √ | | | | √ | | √ | | | | | | | | | | | | | | √ | | |
| ES | | | | | | | | √ | | √ | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| FR | √ | | | | √* | | | | √ | | √ | | | | | | | | √ | | √ | | | | √ | √ | √ |
| IT | | | | √ | | | | √ | | √ | | | | | | | | | | | | | | | | √ | √ |
| CY | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| LV | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| LT | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| LU | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| HU | | | | | | | | | | | | | | | | | | | √ | | | | | | | √ | |
| MT | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| NL | | | | | | | | | | | | | | | | | | | √* | | | | | | √ | √ | √ |
| AT | | | √* | | | | | | | √ | | | | | | √ | | √* | | | | | | | | √ | |
| PL | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| PT | | | | | | | | | | √ | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| RO | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| SI | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| SK | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| FI | | | | √ | | | | √ | | √ | | | | | | | | √ | | | | | | | | √ | |
| SE | √ | | | √ | √ | | | | | √ | √ | | | | | √ | | √ | √ | | | | | | √ | | √ |
| UK | | | | | | | √ | | | √ | √ | | | | | | | √ | | | | | | | | √ | |

**Nota:** √ tfisser fis-seħħ minn qabel l-1 ta' Jannar 2000; √* tfisser ġdida mill-1 ta' Jannar 2000. It-trattati bejn il-pajjiżi Nordiċi huma parti minn ftehim multilaterali ffirmat mill-pajjiżi Nordiċi fl-1983: Nordiska skatteavtalet (il-konvenzjoni Nordika), li ġiet iffirmata f'Ħelsinki fit-22 ta' Marzu 1983. Fil-matriċi, kull trattat jidher darbtejn, eż. trattat bejn UK u SE huwa mmarkat għal SE-UK kif ukoll għal UK-SE.

**Sors:** Il-Copenhagen Economics, fuq il-bażi tal-IBF, il-bażi tad-dejta dwar it-trattati tat-Taxxa.